MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 554/2006

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra (C 7692)**

**Vs**

**Famotre Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Gunju 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm107.40), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici tal-15 ta' Jannar 2007 li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm id-dritt

taghha ghall-ispejjez u drittijiet legali ta' l-odjerni proceduri.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili), limitat dan ghall-ispejjes ta' dawn il-proceduri;

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant t-Tribunal, in vista tan-nota ta' cessjoni tas-socjeta` attrici su-riferita, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba dwar is-sorte, u jilqa' t-talba dwar l-ispejjez billi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez kollha relatati ma' dawn l-odjerni proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------